**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 17/2018BS**

**Lawrence Borg**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lawrence Borg illi ppremetta:**

1. Illi l-attur Lawrence Borg għandu s-servizz tad-dawl u ilma fil-fond propjeta' tiegħu bl-isem Joseph Farm, bla numru uffiċċjali, fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Ghħawdex. Il-kont għal dan is-servizz iġib in-numru 101000114111;

2. llli fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-attur Lawrence Borg irċieva ittra mis-soċjeta' konvenuta fejn ġie infurmat li kellu jħallas bilanċ ta' ħamest elef, disa' mija u sebgħin euro u wieħed u sittin ċenteżemu (EUR 5,970.61c). Huwa ġie infurmat li jekk dan l-ammont ma jitħallasx fl-intier tiegħu il-provista tas-servizz

kienet ser tiġi sospiza. Kopja tal-ittra li irċieva l-attur qed tiġi annessa bħala Dokument A ma dan ir-rikors ġuramentat;

3. Ili l-attur qatt ma kellu jagħti dan l-ammont lis-socjeta' konvenuta għas-servizz ta' dawl u ilma fil-fond tiegħu. Infatti huwa dejjem sostna mas-soċjeta' konvenuta li qatt ma kien uża dawk l-*units* kollha ta' elettriku;

4. L-attur Lawrence Borg ġibed l-attenzjoni tas-soċjeta' konvenuta illi huwa kien installa numru kbir ta' pannelli fuq il-bejt tar-residenza tiegħu u għalkemm dawn kienu qed jiġġeneraw l-elettriku u jitfugħ fil-grid tal-Enemalta huwa ma kien qed jingħata l-ebda kreditu ta' dak li kien qed jiġġenera b' dawn il-pannelli.

5. Ili l-attur ġibed ukoll l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-meter tal-elettriku kien qed jimmarka b'mod esaġerat u ma jistax jkun li kien qed jaħli dawk il-*units* kollha. Huwa ntalab iħallas biex jiġu l-ħaddiema tal-Enemalta jiċċekkjaw il-meter. Dawn il-ħaddiema sabu li l-meter kien qed jibqa' jdur anke wara li tfew kull apparat li kien jaħdem bl-elettriku fir-residenza tal-attur Lawrence Borg. Infatti dawn il-ħaddiema bidlu l-meter tal-elettriku minħabba dak li kkonstataw;

6. Illi nonostante dan s-socjeta' konvenuta flok irrevediet il-kont insistiet li tissospendi s-servizz u għalhekk Lawrence Borg kien kostrett illi jagħmel mandat ta' inibizzjoni kontra s-soċjeta' konvenuta sabiex s-servizz essenzjali ta' dawl u ilma fir-residenza tiegħu ma jiġix maqtugħ. Dan il-mandat ta' inibizzjoni jġib in-numru 1/2018 fl-ismijiet 'Lawrence Borg vs ARMS Limited'. Dan il-mandat ġie deċiż fis-seba' (7) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) u kopja tad-digriet qed tigi annessa ma dan ir-rikors ġuramentat bħala Dokument B. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali laqgħet it-talba tal-attur biex ma jiġix sospiż jew maqtugħ is-servizz ta' dawl u ilma fil-fond imsemmi peress li l-attur Borg *għandu jedd prima facie x' jikkawtela',*

7. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta' kovenuta mhux dovut u għalhekk ma hemm l-ebda bażi għaliex għandu jiġi sospiż is-servizz tal-attur fir-residenza tiegħu fi Triq il-Qala f' Għajnsielem;

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1) tiddikjara illi l-ammont ta' ħamest elef, disa' mija u sebgħin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (EUR 5,970.61c) reklamat mis-soċjeta' konvenuta minn għand l-attur Lawrence Borg mhuwiex dovut għar-raġunijiet mogħtija u li ser jiġu ippruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

2) konsegwentament tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta ma għandha l-ebda dritt illi tissospendi s-servizz ta' dawl u ilma li hemm fil-fond propjeta' tal-attur Lawrence Borg bla numru uffiċċjali u bl-isem 'Joseph Farm fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex;

Bl-ispejjeż, nklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1/2018 fl-ismijiet 'Lawrence Borg vs ARMS Limited', u bl-inġunzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Limited illi eċċepiet:**

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur;

2. Illi hekk kif ġie ivverbalizzat waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2018 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni, l-ammont reklamat huwa dak ta' €3,842.68 għal perijodu in kwistjoni stante li wara li l-attur intalab sabiex jieħu r-ritratt tar-*readings* tal-pannelli solari l-ammont ġie rivedut u għalhekk it-talba tas-socjeta' intimata għal perijodu in kwistjoni ma għadix dik ta' €5,970.61.

3. Illi s-soċjeta' Automated Revenue Management Limited għandha dritt illi tissospendi u/jew tittermina s-servizz f'każ li l-konsumatur reġistrat ma jħallasx il-kontijiet dovuti, bħal fil-każ odjern.

4. Illi meta l-ħaddiema tal-Enemalta jaqilgħu l-*meters* minn fuq il-post, huma jagħmlu dan biss għaliex jiġi konstatat on-site li l-meter jaħdem tajjeb wara li jsiru testijiet appoziti, u hekk ukoll ġara fil-każ odjern.

5. Illi fl-ebda mument xi ħaddiema tas-soċjeta' intimata ma għarfu lill-attur li l-meter kien bil-ħsara u dan għaliex il-meter kien jaħdem tajjeb.
6. Illi l-fatt li inqala' l-meter tad-dawl minn fuq il-post u tqiegħed ieħor ġdid bl-ebda mod ma huma ammissjoni diretta jew indiretta li l-meter in kwistjoni ma kienx jaħdem għaliex kull individwu jista' jitlob li jinbidel il-meter, naturalment wara li titħallas il-miżata. Din il-miżata tiġi rifondata lura f'każ li l-meter jirriżulta li għandu l-ħsara. Fil-każ odjern din il-miżata fil-fatt ma ġietx rifondata lura stante li l-istess meter kien jaħdem tajjeb.

7. Illi b'riferenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat tal-attur, l-esponenti tiddikjara illi:

   a. Illi l-esponenti taqbel mal-kontenut tal-ewwel u t-tieni paragrafu;
   b. Fir-rigward it-tielet paragrafu, dan huwa żbaljat stante li l-ammont ta' €3,842.68 huwa dovut.
   c. Fir-rigward tar-raba' paragrafu dan ma huwiex kompletament korrett. Illi r-readings ma kienux qegħdin jittieħdu għaliex kull meta mar l-uffiċjal tas-soċjeta' intimata sabiex jieħu r-readings huwa ma ingħatax aċċess sabiex jieħu dawn ir-readings. Eventwalment meta ingħaddew ir-readings, l-units iġġenerati mill-pannelli ittieħdu in konsiderazzjoni mis-socjeta' intimata immedjatament u l-kont ġie rivedut.
   d. Il-ħames paragrafu huwa kontestat anke stante il-fatt li l-meter huwa tat-tip smart u għalhekk ma seta' qatt jibqa' jdur kif allegat mill-attur;
   e. Fir-rigward is-sitt paragrafu s-socjeta' intimat immedjatament irrevedit l-ammont pretiż meta hija ingħadditilha l-informazzjoni. Fir-rigward tal-mandat ta' inibizzjoni hija tikkonferma li dan kien ġie intavolat u l-eżitu ta' l-istess proċeduri.
   f. Fir-rigward is-seba' paragrafu dan huwa skorrett.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti kif dak inhar presjeduta fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat l-allegazzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1/2018 fl-ismijiet **Lawrence Borg vs Arms Ltd**.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' April 2019 minn fejn jirriżulta illi dakinhar il-partijiet qablu illi t-*test* li sar fuq il-post qabel ma nqala' l-*meter* ma kienx intiż li jidentifika l-lanjanza ta' l-attur li l-*meter* kien qiegħed jibqa' jdur anke jekk jintefa' kollox.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż ukoll l-atti allegati.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakolta' konċessa lill-partijiet illi jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawża issegwi l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1/2018 fl-ismijiet **Lawrence Borg vs Arms Ltd**.

Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni li l-ammont pretiż mis-soċjeta' intimata rappreżentanti konsum ta' dawl u ilma m'huwiex dovut. B'mod konsegwenzjali għal dak mitlub permezz tal-ewwel talba l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li s-soċjeta' intimata m'għandiex jedd illi tissospendi s-servizz ta' dawl u ilma fil-fond proprjeta' tiegħu.

L-intimata Automated Revenue Management Services Limited ('**ARMS**') laqgħet b'għadd ta' eċċezzjonijiet fil-mertu fejn fi ftit kliem din irribattiet l-allegazzjoni tal-attur dwar il-fatt illi l-metraġġ tal-konsum huwa dovut għal xi ħsarat fl-arloġġ. Tgħid illi l-attur għandu nstallat fil-proprjeta' tiegħu *smart meter* li min natura tiegħu ma jibqax idur jekk kemm il-darba

jieqaf kull tip ta' konsum f'dik il-proprjeta'. Tgħid għalhekk illi la darba ma kinitx riskontrata ħsara fil-*meter* allura m'hemmx lok għall-kontestazzjoni da parti tal-attur u l-ammont minnha rikjest jibqa dovut.

**Il-Provi**

**L-attur Lawrence Borg** xehed permezz ta' affidavit fejn spjega illi fis-sena 2016 huwa iddeċieda illi jinstalla l-pannelli fuq id-dar ta' residenza tiegħu fl-indirizz 'Joseph Farm', Triq il-Qala, Għajnsielem. Għal dan il-għan huwa tkellem ma' Joseph Tabone li huwa aġent tal-pannelli u li kellu jagħti parir lill-attur dwar kemm pannelli kellu bżonn jinstalla. Dan l-eżerċizzju kellu jiġi bbażat fuq il-konsum da parti tal-attur li għalhekk għadda lil Tabone xi kontijiet tad-dawl u ilma li jirreflettu l-konsum. L-Attur jgħid kif nel frattemp irċieva kont ieħor li jkopri x-xhur ta' Novembru u Diċembru 2016. Ma setax jifhem ir-raġuni għaliex dan il-kont kien qiegħed juri konsum għoli. Jgħid illi matul ix-xhur tax-xitwa x-xogħol tiegħu ikun kwiet, in oltre, matul dak il-perjodu kien imsiefer għal maġġior parti taż-żmien u fid-dar ta' residenza tiegħu ma kien qiegħed jghix ħadd. Tkellem dwar dan ma' Tabone li mar fir-residenza tal-attur u beda jitfi kollox sabiex jara x'kien qiegħed jiġġenera dak il-konsum għoli. Tabone ntebaħ illi minkejja l-fatt li ma kien hemm ebda apparat imqabbad, l-arloġġ tad-dawl baqa' jdur. L-attur spjega kif dak il-ħin stess Tabone kien ikkuntattja bit-*telephone* lil xi ħadd min-naħa tal-ARMS. L-ARMS taw il-parir li l-attur jirraporta dan ġewwa l-uffiċċju distrettwali tal-intimata. L-għada stess, u cioe fit-2 ta' Frar 2017 l-attur mar ġewwa l-uffiċċju tal-ARMS fir-Rabat, Għawdex u rraporta l-akkadut. Jgħid illi ħallas is-somma ta' sebgħin ewro (€70) sabiex ħaddiema mill-ARMS ikunu jistgħu jagħmlu xi verifiki fuq l-arloġġ tad-dawl sabiex jiġi stabbilit dan kienx qiegħed jaħdem tajjeb. L-għada ħaddiema tal-ARMS marru fid-dar ta' residenza tal-attur u qalgħu il-meter sabiex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom.

L-attur xehed illi minn Frar 2017 'il quddiem ma kienx hemm aktar kuntatt mal-ARMS biss sa dan it-tant baqa' jirċievi l-kontijiet inkluż l-interessi fuq l-ammont reklamat mill-ARMS għall-konsum tas-servizzi. Ftit wara l-kontijiet ġew segwiti b'avviżi li jekk ma jsirx il-ħlas allura kien ser jinqata' s-servizz. Malli rċieva l-ewwel avviż l-attur mar ġewwa l-uffiċċju tal-

ARMS iżda baqa' bla sodisfazzjon għaliex ġie mgħarraf li l-*file* ta' l-attur u l-arloġġ relattivi kienu jinsabu Malta. Huwa ngħata parir illi jiffirma ftehim mal-ARMS sabiex jibda jħallas ftit ftit fix-xahar u b'hekk jevita l-qtugħ tas-servizz. Żied jgħid illi ma kellux triq oħra għajr illi jiffirma l-ftehim lilu propost. L-attur xehed illi ffirma u anki għamel xi ħlasijiet biss minkejja dan il-kontijiet baqgħu telgħin inkluż wara li kienu twaħħlu l-pannelli fuq ir-residenza tal-attur. Jgħid illi ġara li ARMS lanqas biss naqqsu mill-kont l-ammont ġenerat mill-pannelli u minflok baqgħu jhedduh bil-qtugħ tas-servizz.

Mill-estratt mill-i*statement* tal-kont tal-attur[1] jirriżulta illi sat-3 ta' Frar 2017 l-attur kien ħallas l-ammonti mitluba u ħallas ukoll is-somma ta' sebgħin ewro (€70) għall-ivverifikar tal-arloġġ tant illi fuq l-istess *statement* ġie mniżżel illi sa dak inhar il-bilanċ dovut kien ta' 'NIL'. L-attur jgħid illi mid-9 ta' Ottubru 2017 'il quddiem huwa beda jiġi mitlub iħallas ammonti eżaġerati b'tant illi sad-29 ta' Diċembru 2017 il-bilanċ dovut kien fl-ammont ta' €5,970.61. Jgħid illi dan l-ammont jikkuntrasta ġmielu mal-konsum li solitament kien jagħmel l-attur fiż-żmienijiet ta' qabel.

Wara li rċieva l-avviż tat-8 ta' Jannar 2018 fejn ġie avżat illi kien sejjer jinqata' s-servizz, l-attur ħass illi ma kellux triq oħra għajr illi jipproċedi bit-talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni in kawtela tad-drittijiet tiegħu liema talba ġiet milqugħa u sussegwentement segwita b'din il-kawża.

L-attur xehed kif kien biss wara li pproċeda fil-konfront ta' ARMS illi din irrevediet il-kontijiet u mis-somma pretiża naqqset l-ammont li kien ġie ġġenerat mill-pannelli.

In **<u>kontro-eżami</u>** xehed illi l-arloġġ huwa mqabbad mad-dar ta' residenza tal-attur. Mar-residenza hemm ukoll in-negozju tal-attur magħruf bħala *Ċallu Water Supplies*. Il-mutur li jtella' l-ilma mill-*borehole* huwa mqabbad fuq l-istess arloġġ. Spjega illi pendenti dawn il-proċeduri huwa mhuwiex qiegħed iħallas għas-servizz tad-dawl u ilma. Jisħaq illi hu qiegħed

[1] Dok. LB 2 a fol. 22, Vol. I tal-proċess.

jiġġenera ħafna elettriku mill-pannelli li għandu installati biss jgħid li mhuwiex qiegħed jibbenefika minn xi tnaqqis fuq il-konsum.

L-attur jikkontesta l-fatt illi l-kontijiet kienu ilhom jakkumulaw mis-sena 2012. Jgħid illi hu m'għandux konsum għoli. Ma jistax jifhem kif il-kont għax-xahar ta' Novembru kien għoli ħafna għaliex jgħid li hu dak iż-żmien ikun imsiefer. Jgħid ukoll illi kull meta kien isir il-qari tal-arloġġ hu kien jirċievi telefonata mingħand *meter reader* min-Nadur u jiftehmu għall-ġurnata ta' wara. L-attur jgħid illi hu dejjem fetaħ lill-*meter reader*.

L-**<u>Inġinier John Mizzi</u>** xehed illi huwa mpjegat bħala Inġinier mal-Enemalta li hija nkarigata mill-bdil u verifiki tal-arloġġi tad-dawl. Spjega illi l-parti amministrattiva u cioe il-qari tal-arloġġ tad-dawl u l-ħruġ tal-kontijiet huwa proċess fdat kompletament f'idejn ARMS.

Għal dak illi jirrigwarda l-attur, l-Inġinier Mizzi spjega illi fis-sena 2012 l-arloġġ kien inbidel għal wieħed tat-tip *smart*. Sussegwentement, fil-15 u fis-16 t'April 2016 kienet saret spezzjoni fil-fond tal-attur u kien inbidel l-arloġġ. Spjega illi dak inhar Emanuel Muscat bħala *foreman*, flimkien ma' Raymond Camilleri u Ivan Azzopardi dehrilhom illi kien hemm xi grif u marki oħra fuq in-naħa tax-xellug tal-arloġġ u għalhekk sar rapport intern kif ukoll mal-Pulizija[2] u l-arloġġ inbidel dakinhar stess. L-arloġġ reġa nbidel fi Frar tas-sena 2017 fuq talba tal-attur. Dak inhar kienu marru fuq il-post Raymond Camilleri u Joe Vella li qalgħu l-arloġġ u ħaduh sabiex jagħmlu xi verifiki fuqu. Spjega illi l-proċedura hija tali illi jekk il-konsumatur jitlob verifika fuq l-arloġġ dan jinqala' u jintbgħat ġewwa l-uffiċċju tal-Enemalta fil-Marsa għall-verifiki neċessarji. Żied jgħid illi minn hawn 'il quddiem huwa l-konsumatur illi jrid jitlob li jingħata riżultat dwar jekk l-arloġġ kienx qiegħed jaħdem tajjeb. Spjega illi l-verifiki li jsiru fuq l-arloġġ jinkludi wkoll jekk l-arloġġ ikunx qiegħed jaqra tajjeb kemm id-dħul tal-provvista tal-elettriku min-naħa tal-Enemalta kif ukoll il-ħruġ rappreżentanti elettriku ġġenerat mill-pannelli. Kompla jispjega illi min ikollu l-pannelli jiġġenera l-elettriku u jekk dak ġenerat ma jiġix ikkonsmat

[2] 'Dok. JM 1' a fol. 37 et seq. Vol. I tal-proċess.

kollu l-elettriku żejjed imur fuq il-grid tal-Enemalta u dan idur fi kreditu favur il-konsumatur.

**<u>Carmel Bajada</u>** in rappreżentanza ta' ARMS xehed illi f'April 2016, qabel ġew installati l-pannelli, l-attur kien talab verifika tal-arloġġ reġistrat fuq ismu għaliex deherlu li kien qiegħed jimmarka konsum għoli. Il-pannelli ddaħħlu bħala parti mis-sistema fis-26 ta' Mejju 2017. Mill-kont li nħareġ wara s-26 ta' Mejju 2017 jirriżulta illi fuqu hemm imniżżel il-konsum, kemm ġie ġġenerat mill-pannelli u l-units li ġew trasferiti fuq il-grid tal-Enemalta. Bejn Settembru tas-sena 2017 u Jannar tas-sena 2018 il-pannelli ġġeneraw 5905 *units* li minnhom 4099 *units* ġew esportati għal fuq il-grid tal-Enemalta. Dawn il-*units* esportati għandhom valur ta' €635.34.

Spjega illi r-rati tal-konsum u l-ġenerazzjoni tal-elettriku bdew jinħadmu bir-rati residenzjali mill-1 ta' Novembru 2016 u cioe minn mindu l-attur iddikjara l-imsemmija proprjeta' bħala residenzjali u mhux aktar bħala razzett. Żied jgħid illi f'April 2016 meta nbidel l-arloġġ il-konsum kien ta' 69 units waqt illi meta l-attur, f'April 2017, talab verifika tal-arloġġ u allura inbidel l-arloġġ, l-*actual reading* kien ta' 70 *units*. Dan ifisser illi ma ġiet reġistrata ebda differenza fil-konsum bejn dak li kien qiegħed juri l-arloġġ qabel inbidel u dik murija mill-arloġġ il-ġdid. Spjega illi ma jistax isir paragun ulterjuri għall-konsum għaliex imbgħad il-konsum beda jinħadem b'*residential rates*.

Carmel Bajada ppreżenta wkoll affidavit fejn spjega illi kien hemm diversi drabi fejn sar kalkolu tal-konsum fuq bażi ta' stima dan għaliex l-attur ma kienx ipprovda aċċess lil *meter reader* sabiex jittieħed qari attwali tal-arloġġ. Spjega illi f'Jannar tas-sena 2018 meta l-attur talab u kiseb il-mandat ta' inibizzjoni, il-bilanċ reklamat mill-ARMS kien ta' €5,970.61. Jgħid illi dan l-ammont kien wieħed abbażi ta' stima. Spjega illi fil-kuntest tal-atti tal-mandat l-attur ġie mistieden jissottometti l-qari tal-arloġġ u filfatt abbażi tal-qari sottomess ARMS irrevediet il-bilanċ dovut għas-somma ta' €3,842.68. Żied jgħid illi għall kuntrarju ta' dak allegat mill-attur, l-arloġġ qatt ma kellu ħsarat. Fil-25 ta' Settembru 2017 l-attur iffirma ftehim fejn qabel illi sa dakinhar huwa kellu jħallas bilanċ ta' €1,958.67.

Carmel Bajada ppreżenta kopja tal-kontijiet li jmorru lura minn Awwissu 2009. Hija l-fehma tal-Qorti li għall-fini tad-deċiżjoni li ġiet mitluba tagħti, ikun aktar għaqli jekk jingħata rendikont tal-konsum li sar mill-attur matul is-snin. Jirriżulta dan illi ġej:

| Perjodu | Qari tal-arloġġ | Ammont dovut |
|---|---|---|
| 12 ta' Awwisu 2009 – 30 ta' Marzu 2010 | Attwali | €1,327.61 |
| 31 ta' Marzu 2010 – 1 ta' Ġunju 2010 | Stima | €378.90 |
| 2 ta' Ġunju 2010 – 20 ta' Ottubru 2010 | Attwali | €2,403.22 |
| 21 ta' Ottubru 2010 – 26 ta' Novembru 2010 | Stima | €256.62 |
| 27 ta' Novembru 2010 – 27 ta' Jannar 2011 | Stima | €1,177.69 |
| 3 ta' Ġunju 2011 | Stima | €554.15 |
| 28 ta' Jannar 2011 – 23 ta' Marzu 2011 | Attwali | €818.09 |
| 24 ta' Marzu 2011 – 27 ta' Mejju 2011 | Stima | €438.75 |
| 28 ta' Mejju 2011 – 27 ta' Lulju 2011 | Stima | €1,110.03 |
| 28 ta' Lulju 2011 – 11 ta' Awwissu 2011 | Attwali | €1,639.68 |
| 12 ta' Awwissu 2011 – 25 ta' Novembru 2011 | Stima | €1,582.96 |
| 26 ta' Novembru 2011 – 27 ta' Jannar 2012 | Stima | €1,135.37 |

| | | |
|---|---|---|
| 28 ta' Jannar 2012 –<br>3 ta' Mejju 2012 | Attwali | €1,579.85 |
| 4 ta' Mejju 2012 –<br>25 ta' Marzu 2012 | Stima | €1,728.36 |
| 26 ta' Mejju 2012 –<br>27 ta' Lulju 2012 | Stima | €2,443.57 |
| 28 ta' Lulju 2012 –<br>20 ta' April 2013 | Attwali | €3,324.35 |
| 21 ta' April 2013 –<br>26 ta' Lulju 2013 | Stima | €2,911.14 |
| 27 ta' Lulju 2013 –<br>28 ta' Novembru 2013 | Na sarx qari | €3,346.35 |
| 29 ta' Novembru 2013 –<br>27 ta' Jannar 2014 | Stima | €3,557.22 |
| 28 ta' Jannar 2014 –<br>01 ta' Awwissu 2014 | Attwali | €2,576.41 |
| 2 ta' Awwissu 2014 –<br>11 ta' Settembru 2014 | Attwali | €2,883.98 |
| 12 ta' Settembru 2014 –<br>2 ta' Diċembru 2014 | Attwali | €1,671.58 |
| 3 ta' Diċembru 2014 –<br>30 ta' Jannar 2015 | Attwali | €1,840.62 |
| 31 ta' Jannar 2015 –<br>1 ta' April 2015 | Attwali | €2,017.86 |
| 2 ta' April 2015 –<br>1 ta' Ġunju 2015 | Attwali | €672.71 |
| 2 ta' Ġunju 2015 –<br>31 ta' Lulju 2015 | Attwali | €1,055.11 |
| 1 ta' Awwissu 2015 –<br>1 ta' Ottubru 2015 | Attwali | €161.06 |
| 2 ta' Ottubru 2015 –<br>1 ta' Diċembru 2015 | Attwali | €474.98 |

| | | |
|---|---|---|
| 2 ta' Diċembru 2015 –<br>1 ta' Frar 2016 | Attwali | €725.63 |
| 3 ta' Frar 2016 –<br>1 ta' April 2016 | Attwali | €1,150.72 |
| 2 ta' April 2016 –<br>1 ta' Ġunju 2016 | Attwali | €1,438.06 |
| 2 ta' Ġunju 2016 –<br>1 ta' Awwissu 2016 | Ma sarx qari | €382.35 |
| 2 ta' Awwissu 2016 –<br>30 ta' Settembru 2016 | Attwali | €711.34 |
| 1 ta' Ottubru 2016 –<br>1 ta' Novembru 2016 | Qari mill-<br>konsumatur | €2,838.62 |
| 2 ta' Novembru 2016 –<br>1 ta' Diċembru 2016 | Ma sarx qari | €2,990.30 |
| 2 ta' Diċembru 2016 –<br>25 ta' Mejju 2017 | Attwali | €2,662.15 |
| 26 ta' Mejju 2017 –<br>3 ta' Settembru 2017 | Attwali | €4,681.93 |
| 4 ta' Settembru 2017 –<br>30 ta' Jannar 2018 | Qari mill-<br>konsumatur | €3,842.68 |
| 31 ta' Jannar 2018 –<br>23 ta' April 2018 | Attwali | €3,715.54 |
| 24 ta' April 2018 –<br>15 ta' Ġunju 2018 | Attwali | €4,616.80 |
| 16 ta' Ġunju 2018 –<br>24 ta' Ottubru 2018 | Attwali | €5,914.04 |
| 25 ta' Ottubru 2018 –<br>1 ta' Diċembru 2018 | Attwali | €5,839.47 |

**Joseph Tabone** xehed illi kien ġie kkuntattjat mill-attur illi xtaq jinstalla sistema ta' pannelli fuq ir-residenza tiegħu. L-attur kien ġibed l-attenzjoni ta' Tabone għall-fatt illi l-konsum kien wieħed għoli ħafna. Flimkien

pruvaw jaraw x'kien qiegħed jikkawża dak il-konsum kollu għalhekk tfew kollox, inkluż il-*main* tad-dawl iżda madanakollu l-arloġġ deher illi baqa' jdur u allura baqa' jirreġistra konsum. Minn hawn sar rapport sabiex jiġi vverifikat l-arloġġ.

In kontro-eżami xehed illi hu m'għamel ebda verifika fuq il-post għaliex dan ma jikkompetix lilu. Jgħid illi dak li qal lill-attur u cioe li l-arloġġ baqa' jdawwar anki meta l-*main* kien mitfi huwa diskors ibbażat fuq dak li ra b'għajnejh dak il-ħin. Jgħid ukoll illi l-atur qatt ma reġa tkellem miegħu dwar il-kwistjoni tal-arloġġ.

**L-Inġinier Josef Micallef** li huwa responsabbli mill-*meter section* ta' Għawdex xehed illi fit-3 ta' Frar 2017 l-attur kien applika sabiex issir verifika tal-arloġġ tad-dawl. Skont l-attur l-arloġġ kien qiegħed jibqa' jdur. Spjega illi fid-9 ta' Frar 2017 Raymond Camilleri u Joseph Vella marru fuq il-post, talbu lill-attur jitfi kollox u b'appart li jintuża għal tal-appost raw jekk l-arloġġ tal-attur kienx qiegħed jimmarka viċin iż-2 *kilowatts*. Il-qari dak il-ħin illi saret il-verifika kien ta' 2 *kilowatts*. Dak il-ħin stess inqala' l-arloġġ u skont il-prassi ntbagħat Malta għal aktar verifiki. Spjega illi l-arloġġ jingħata diversi testijiet. Il-verifika tibda b'dak li jissejjaħ bħala *creep test*. L-arloġġ tal-attur irriżulta illi kien qiegħed jaħdem tajjeb. Il-verifika kompliet b'aktar testijiet li finalment ivverifikaw illi l-arloġġ li nqala' mir-residenza tal-attur kien qiegħed jaħdem tajjeb.

Xehed illi qabel inqala' l-arloġġ kien qiegħed juri konsum ta' bejn wieħed u ieħor 76 units li għal razzett huwa konsum normali.

In kontro-eżami xehed illi f'residenza il-konsum ta' kuljum ikun bejn 10 u 20 unit għalkemm ikun hemm ukoll każijiet fejn il-konsum ikun għola.

F'dan il-każ partikolari l-arloġġ għadda minn sensiela ta' verifiki li lkoll urew li l-arloġġ ma kien fih ebda ħsara.

**Raymond Camilleri**, *tradesman* mal-Enemalta, u **Joseph Vella** *electrical fitter* mal-Enemalta xehdu illi saret talba sabiex isir *test bench* tal-arloġġ tad-dawl li ġie maqlugħ minn razzett. Sar test fuq il-post u rriżulta illi l-arloġġ

kien qiegħed jaħdem tajjeb. L-arloġġ imbagħad intbagħat Malta għal aktar verifiki. Dak il-ħin ma saritx verifika jekk l-arloġġ kienx qiegħed jibqa' jdawwar meta jintefa' kollox għaliex dan mhuwiex il-kompitu tal-ħaddiema li tqabbdu jaqilgħu il-*meter*. Il-verifiki dwar il-funzjonalita' tal-arloġġ isiru dejjem ġewwa Malta.

**Leanne Vella**, Executive fi ħdan ARMS, xehdet illi meta l-kont ikun jinqara b'mod awtomatiku mis-sistema stess, il-kont jinħareġ kull xahrejn, altrimenti jinħareġ kull sitt xhur. Fil-każ tal-attur jirriżulta illi l-aħħar pagament imur lura għad-29 ta' Novembru 2017 u l-ammont li tħallas kien ta' €457.01. Minn dak inhar 'il quddiem qatt ma saru aktar pagamenti. Il-bilanċ kurrenti sat-13 ta' Marzu 2021 u cioe skont l-aħħar kont, kien ta' €9,237.91. Il-kontijiet kollha li nħarġu matul l-aħħar żmienijiet huma kollha bbażati fuq konsum attwali. Spjegat ukoll illi ma' dan l-istess kont hemm abbinati il-pannelli u għalhekk kull kont jinħadem bil-konsum illi jkun inħela u b'kemm iġġeneraw il-pannelli. Din l-informazzjoni tkun kollha mniżżla fuq il-kont.

Kompliet tixhed illi l-arloġġ li l-attur talab illi jsiru verifiki fuqu rriżulta illi qiegħed jaħdem tajjeb.

**Ikkunsidrat**

L-ilment tal-attur huwa bbażat fuq il-fatt illi l-arloġġ installat fir-residenza tiegħu qiegħed jimmarka konsum għoli ħafna li l-attur jisħaq illi m'għamilx.

Mill-provi jirriżulta li l-arloġġ installat f'Joseph Farm iservi sia r-residenza tal-attur kif ukoll in-negozju tiegħu li jinvolvi l-prelevar tal-ilma minn *borehole*. L-attur jgħid illi n-negozju mgħammar b'sistema illi żżomm il-konsum baxx. Jgħid ukoll illi fix-xahar ta' Novembru u Diċembru tas-sena 2016 ġie rreġistrat konsum għoli ħafna li mhuwiex verosimili għar-raġuni li f'dak il-perjodu n-negozju tal-attur ikun kwiet tant illi l-attur jieħu l-vaganzi tiegħu proprju matul dak il-perjodu. Fil-fatt, l-attur xehed illi dak iż-żmien huwa kien imsiefer u li fir-residenza ma kien hemm ħadd.

Il-Qorti tinnota kif matul il-proċeduri l-attur baqa' jipproponi t-teżi li l-arloġġ ma kienx qiegħed jaħdem sewwa u li kien baqa' jimmarka l-konsum anki meta ntefa' l-*main*. Dan ġie kkonfermat minn Joseph Tabone li kien hu stess illi tefa' l-*main* biss il-Qorti tosserva li Tabone xehed illi dak li qal u cioe li l-*meter* ma kienx qiegħed jaqta' huwa bbażat fuq osservazzjoni personali u fuq dak illi ra b'għajnejh fil-kwarta illi dam iħares lejn l-arloġġ. Provi ulterjuri dwar dan ma tressqux. Il-Qorti rat illi minkejja dak allegat mill-attur li m'għandux dak it-tip ta' konsum fir-residenza tiegħu, l-attur la ppreżenta u lanqas ma talab li jsir xi rapport dwar il-konsum illi jsir fir-residenza tiegħu. Għalhekk, waqt illi l-Qorti għandha quddiemha l-provi messqa mill-ARMS fis-sens illi saru l-verifiki fuq l-arloġġ li kkonfermaw illi dan jinsab jaħdem tajjeb, m'għandiex provi ta' dak allegat mill-attur li l-konsum reġistrat huwa wieħed eċċessiv.

Minn ħarsa lejn il-kontijiet li ġew ippreżentati fl-atti jidher illi l-kontijiet ilhom jakkumulaw sa mis-sena 2012 bil-maġġior parti ta' dawn il-kontijiet huma bbażati fuq qari attwali.

Il-kontijiet abbinati mal-arloġġ reġistrat f'isem l-attur juru illi l-attur għandu konsum għoli. Dan pero' ma jidhirx illi huwa attribwibbli għal xi ħsara fl-arloġġ tant illi l-konsum reġistrat qabel inbidel l-arloġġ fis-sena 2017 u l-konsum reġistrat wara u cioe meta tpoġġa l-arloġġ il-ġdid, baqa' l-istess. Dan jikkonferma allura li l-kontijiet għoljin mhumiex ġejjin minn qari ħażin tal-konsum iżda mill-konsum innifsu li huwa wieħed sinifikanti u qiegħed jiġġenera kontijiet għoljin.

Il-Qorti rat ukoll illi l-kontijiet jirriflettu tnaqqis ta' dak li jiġġeneraw il-pannelli u allura qegħdin jirriflettu r-relata' attwali fejn l-attur qiegħed jintalab iħallas għad-differenza bejn l-ammont minnu kkonsmat u l-ammont li jiġġeneraw il-pannelli.

Sat-13 ta' Marzu 2021 il-bilanċ dovut kien fl-ammont ta' €9,237.91. Dan il-kont jirrifletti għadd ta' kontijiet akkumulati billi kif del resto kkonferma l-attur stess, huwa ilu ma jħallas għas-servizz sa mis-sena 2017. Fil-fatt, irriżulta wkoll illi għalkemm kien iffirma ftehim mal-ARMS sabiex iħallas

il-bilanċ f'għadd ta' pagamenti rateali, l-attur ħallas biss wieħed minn dawn il-pagamenti waqt illi baqa' moruż fuq il-bilanċ rimanenti.

Eżaminati l-atti l-Qorti ssib illi l-attur ma ppreżetax provi konvinċenti u konkludenti in sostenn tat-teżi tiegħu. Għall-kuntrarju, l-provi lkoll jindikaw li l-arloġġ li kien ġie nstallat fir-residenza tal-attur fis-sena 2012 kien qiegħed jaħdem tajjeb tant illi ma rriżultat ebda differenza fil-qari tal-konsum meta nbidel l-arloġġ fi Frar 2017.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata Automated Revenue Management Services Limited (C46054).

Tiċħad it-talbiet.

Tordna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur